MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 94/2009

**A B**
**vs**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-Avukat Generali, C B, D E u l-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores sostitwit bl-Avukat Dr. Martin Fenech b'digriet tas-19 ta' Jannar 2010 u l-Prokuratrici Doreen Aquilina nominate kuraturi deputati b'digriet tal-20 ta' Novembru 2009 sabiex jirrapprezentaw lill-minuri F G H li twieled nhar l-Erbgha 26 ta' Novembru 2008 fil-Mater Dei Hospital f'tal-Qroqq, limiti tal-Imsida – Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur in sostanza ppremetta:

Illi huwa sar jaf li fis-26 ta' Novembru 2008 li l-konvenuta C B, weldet tifel bl-isemijiet F, G, H u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 4396/08 dan it-tifel gie registrat bhala wild ta' l-attur; li martu kienet abbandunat id-dar konjugali fl-1 ta' Dicembru 2006, u minn dak in-nhar "qatt ma sar ebda

forma ta' komunikazzjoni jew kuntatt" mal-konvenuta martu; li, ghalhekk, it-tarbija mhijiex il-wild tieghu, izda tal-konvenuta D E; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-qorti tiddikjara li l-imsemmi tifel mhuwiex il-wild naturali tieghu, kif ukoll li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid; l-attur ghamel diversi talbiet ohrjan li kopja taghhom qed tigi annessa mas-sentenza odjerna biex tifforma parti ntegrali taghha [Appendici A – fols.6 sa 10];

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tinsab inserita a fols.63 sa 66 tal-process, u li kopja taghha qeda tigi annessa mas-sentenza odjerna biex tifforma parti ntegrali minnha [Appendici B];

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li biha ddikjarat:

Illi taqbel li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifel fuq indikat, u li ghalhekk ghandhom isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta' l-istess tifel; li mar-registrazzjoni tat-tarbijha, hi kienet informat lill-awtoritajiet b' dan il-fatt, u li hi qatt ma riedet li l-isem l-attur jitnizzel bhala missier it-tifel fl-att tat-twelid;

Rat in-nota ta' l-attur li biha ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut D E [Fol.141];

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Hopher Farrugia, u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar minnhom debitament mahluf [Fol.128];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob principalment dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel F, G, H, li twieled mill-konvenuta C B fis-26 ta' Novembru 2008 u li gie registrat bhala ibnu fuq l-att tat-twelid nurmu 4396/08, mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur; u wkoll qed jitlob il-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-istess att tat-twelid.

Minn naha taghha l-konvenuta C B qeda taqbel ma' dawn it-talbiet.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali fl-1 ta' Dicembru 2006, u minn dak in-nhar il-quddiem hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' l-attur; izda kienet dahlet f' relazzjoni li minnha twieled it-tifel fuq indikat.
Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA jikkonfermaw li t-tifel mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur.
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li z-zewg talbiet attrici fuq indikati huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici markati [c][d][e][i] u [o], u tiddikjara li t-tifel bl-ismijiet F, G, H, li twieled mill-konvenuta C B fis-26 ta' Novembru 2008, mhuwiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 4396/08;
Fir-rigward tal-kumplament tat-talbiet, il-Qorti tipprovdi hekk: tichad it-talba [a]; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet [b][h][j][k][l][q][r][s] u [t], stante li huma superfluwi, u tordna li dawn ma jigux ntaxxati mir-Registratur; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet [m] u [n], stante li dak mitlub jezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti, u tordna li dawn iz-zewg talbiet ma jigux intaxxati mir-Registratur; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet [f] u [g] stante li dawn gew sorvolati; tilqa' t-talba [u] limitatament ghall-ispejjez gudizzjarji u bil-mod kif ser jigi hawn that deciz; tichad it-talba [p] stante li fil-prezent il-konvenuta C ghadha bil-kunjom B.
L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuta C B in kwantu ghat-talbiet [c][d][e][i] u [o], izda t-talbiet [c][d][e][i] ghandhom jigu ntaxxati bhala talba wahda; filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------